Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Mercieca]
[Spettur Christina Delia]
[Spettur Ritienne Gauci]

vs

-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-
-Omissis-
Joe Mark Mercieca

Kumpilazzjoni Numru: 619/2024

Illum, sittax (16) ta’ Gunju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-**, **-Omissis-**, **-Omissis-, -Omissis-**, **-Omissis-**, u **Joe Mark Mercieca**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 14894M.

Akkuzati talli nhar l-24 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**Lil -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u Joe Mark Mercieca wahedhom**:

1. **F'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, cioe' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom; liema prodotti tat-tabakk jiswew iktar minn elfejn tlett mija u**

disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37);

Lil -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-wahedhom:

2.-Omissis-

Lil -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- wahedhom:

3.-Omissis-

Lil -Omissis- u -Omissis- wahedhom:

4.-Omissis-

Lil -Omissis- wahdu:

5.-Omissis-

6.-Omissis-

6A. -Omissis-

7. -Omissis-

8. -Omissis-

9. -Omissis-

-Omissis-

10.-Omissis-

-Omissis-

11.-Omissis-

-Omissis-

12.-Omissis-

-Omissis-

Lil -Omissis- wahdu:

13.-Omissis-

-Omissis-

14.-Omissis-

-Omissis-

15.-Omissis-

16.-Omissis-

-Omissis-

Lil Joe Mark Mercieca wahdu:

17. Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, talli fl-24 ta' Jannar, 2023, gewwa il-hanut *JoeMark Snack Bar & Take-away* ta' Triq ix-Xghajra kantuniera ma' Triq il-Kunvent, Zabbar, kif

ukoll gewwa il-vettura tal-ghamla Suzuki Swift bin-numru tar-registrazzjoni ACT509, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozt ta' sigaretti kif deskritti hawn taht. Dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazju u Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti.

Sigaretti li nstabu gewwa l-hanut *JoeMark Snack Bar & Take-away*:

- Tlett (3) pakketti b'ghoxrin (20) sigarett kull pakkett – *Benson & Hedges Silver*

Sigaretti li nstabu fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ACT509:

- Pakkett b'ghoxrin (20) sigarett – *Benson & Hedges Silver*

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom

**Valur totali ta' €2.16, Dazju tas-Sisa dovut ta' €13.20, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (*V.A.T.*) li jammonta ghal €2.76, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.**

**Dan bi ksur tal-Artikli 60 (1) (b) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), 68 (1) u 69 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37; kif ukoll tal-Artikli 16 (1) (j) (n), 17 (1) (a) (d) (2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap. 382, tal-Ligijiet ta' Malta**

**Lil -Omissis-, -Omissis- u Joe Mark Mercieca flimkien:**

**18. Talli irrendew irwiehom recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u, fil-kaz ta' -Omissis- biss, ai termini tal-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll, b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.**

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2024 l-imputat Joe Mark Mercieca rregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta ghall-ewwel (1) u s-sbatax (17)-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Rat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta datata erbatax (14) ta' Novembru 2024;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata tletin (30) ta' Jannar 2025 li inter alia hassret u rrevokat is-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, irrinvijat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-akkuzat jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien fiha immedjatament hekk kif huwa rregistra l-ammissjoni ta' htija tieghu quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta u li ssir referenza ghaliha fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2024 (a fol. 939) b'dan illi din il-Qorti kif kompost ghandha tistharreg jekk l-akkuzat huwiex qed jammetti wkoll fir-

rigward ta' imputazzjoni bin-numru tmintax (18) u b'hekk din il-Qorti tkun tista' tipprocedi skont il-ligi skont dak li jirrizultalha;

Rat l-assenjazzjoni tal-Prim Imhallef ai termini tal-Artikolu 11 (9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u Artikolu 520 (1) tal-Kodici Kriminali datata hdax (11) t'April 2025 li giet inserita fl-atti processwali;

Rat li fis-seduta datata sitta (6) ta' Mejju 2025 l-akkuzat ikkonferma l-ammissjoni tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2024 u kkonferma li din l-ammissjoni qed tinghata ghall-akkuzi kollha fil-konfront tieghu inkluz it-tmintax (18)-il akkuza u cioè dik tal-addebitu tar-recidiva;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fis-seduta datata sitta (6) ta' Mejju 2025 l-akkuzat ammetta ghall-ewwel (1), is-sbatax (17) u t-tmintax (18)-il akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu. Il-Qorti tqis li ghandha telenka l-

artikoli tal-ligi li bihom jinsab akkuzat l-imputat u dan sabiex tissottolinea il-gravità tal-allegazzjonijiet.

Illi l-imputat Joe Mark Mercieca qieghed jigi akkuzat taht l-Artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

> *"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati:*
>
> *a. jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga"*

Illi din id-dispozizzjoni tal-ligi ghandha tinqara fid-dawl ta' dak li jtenni l-Artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali:

> *"Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jehel -*
>
> *b. jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin*

*euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin".*

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll talli dahhal prodotti b'kuntrabandu u dan bl-intendiment li jevita milli jhallas kwalunkwe tip ta' taxxi u dwana fuq tali prodotti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ammissjoni tal-imputat giet irregistrata f'dawn il-proceduri fejn dan kellu zmien sabiex jahsibha u wara li rega' kkonferma tali ammissjoni fil-prezenza tal-avukat tieghu.

Illi ghar-rigward il-piena il-Qorti ssostni l-ammissjoni giet fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Oltre minn hekk gie nnutat li l-prosekuzzjoni stess flimkien mad-difiza qablu li l-piena ghal din l-ammissjoni m'ghandhiex tkun wahda karcerarja u dan ghal diversi ragunijiet li sejrin jigu diskussi f'din is-sentenza.

Illi l-akkuzat ghandu wkoll l-aggravju tar-recidiva li taghmel is-sitwazzjoni kemxejn iktar ikkumplikata fil-konfront tieghu. Ghandu jigi nnutat li fit-trattazzjoni tas-seduta datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2024 il-prosekuzzjoni stqarret li l-akkuzat kien wettaq pagament mal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana liema pagament huwa rifless a fol. 941 u 942 tal-atti processwali. Ghandu jigi nnutat li n-nota esebita bhala Dok. CGX1 jaghmlu referenza ghall-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Minkejja kull dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att li ghandha x'taqsam mal-konfiska ta' oggetti favur il-Gvern, u minghajr pregudizzju ghas-subartikolu (2), fil-kaz ta' irregolarità, mill-persuna li tikkommettiha, li, kieku ma nkixfitx, kienet twassal ghal telf ta' dazju tas-sisa ta' mhux iktar minn erbat elef euro (€4,000), ghal prodotti tat-tabakk u hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) fil-kazijiet ta' kwalunkwe oggetti tad-dazju tas-sisa ohra il-Kummissarju, filwaqt li jaghmel il-konfiska tal-oggetti, jista', jekk min ikun ghamel l-offiza jammetti, ma jibdiex proceduri skont dan l-Att u jimponi penali ekwivalenti ghal*

*tlett darbiet id-dazju li kien ser ikun evitat, liema penali ma ghandhiex tkun ta' inqas minn mitejn u hamsin euro (€250)".*

Dan l-istess dokument jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 63 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"B'dak kollu li jinsab f'xi dispozizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza, u minghajr pregudizzju ghal kull procedura ohra li minnha min ikun ghamel l-offiza jkun jista' jghaddi skont xi ligi ohra, f'kaz ta' irregolarità f'xi cirkostanza minn dawk imsemmija fil-paragrafi li gejjin ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju jista', bi ftehim ma' min ikun wettaq l-irregolarità, jimponi l-penali li gejja minflok proceduri fil-qorti …".*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tqis dawn id-dispozizzjonijiet fir-rigward tal-piena.

*Di più* l-prosekuzzjoni kompliet titratta li l-involviment tal-akkuzat fir-reati addebitati lill-komplici l-ohra kien fil-fatt wiehed

minimu sal-punt li lanqas biss kellu parti attiva fl-allegata serqa u wisq anqas fit-tentattivi tas-serq. Huwa ghalhekk li l-prosekuzzjoni stess talbet lil din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex ma tigix applikata piena karcerarja. Ghalhekk, filwaqt li l-addebitu tar-recidiva gie ammess mill-imputat din il-Qorti ma hijiex ser timponi ebda awment ta' piena in vista tac-cirkostanzi elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikolu 60 (1)(b)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1) u 69 (1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, kif ukoll Artikolu 16 (1)(j)(n), 17 (1)(a)(d)(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382 u l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 334 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Joe Mark Mercieca** hati tal-akkuzi numru wiehed (1) u tmintax (18) migjuba fil-konfront tieghu stante ammissjoni, u minflok tinfliggi piena tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-

Artikolu 63 tal-Kapitolu 37 tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sbatax (17)-il akkuza.

In oltre u ai termini tal-Artikolu 60 (1) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna l-konfiska tal-oggetti maqbuda taht dawn il-proceduri u dan minghajr rizerva ghal kull ordni li setghet giet maghmula minn din il-Qorti kif diversement presjeduta.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**